MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2397/2003

**Paul & Rocco (Gzira) Ltd.**

**vs**

**Richard Piscopo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm160.35) rappresentanti tlett kambjali skaduti, accettati u iffirmati mill-konvenut;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fid-29 ta’ April 2004 mis-socjeta` attrici, ghas-subizzjoni tal-konvenut, li baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm160.35) bl-imghax legali mis-7 ta’ April, 2004 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill- konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------